**Laqgħa ma' l-Onor. Dr. Chris Said**
**Segretarju Parlamentari – Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni**
**Nhar il-Ħamis 17 ta' Settembru 2009 fl-11:30 a.m.**

**---------------------------------------------------------------------------------------------------------**

Prezenti:

l-Onor. Dr Chris Said
Miriam Portelli, Sindku
Charles Said, Viċi Sindku
Maria Natoli, Kunsillier
Rita MIfsud Attard, Segretarju E\ekuttiv

1. **Talba.** Il-laqgħa bdiet b'talba

2. Is-Sindku rringrazzjat lill-Onor. Dr. Chris Said talli għoġbu jiltaqa' mal-Kunsill tan-Nadur.

3. **Torri ta' Sopu.** Is-Sindku nformat lill-Onor. Said li riċentament il-Kunsill irċieva email mingħand il-kumpanija Vodafone dwar applikazzjoni mal-MEPA biex jitwaħħal xi apparat fit-Torri ta' Sopu. Il-Kunsill kien diġa nforma lill-istess kumpanija kif ukoll lil Din l-Art Ħelwa li ma jaqbilx ma' dan. Il-Kunsill bagħat ukoll ittra lid-Dipartiment ta' l-Artijiet peress li t-Torri huwa propjeta tagħhom. L-Onor Said ser ikellhom lis-Sur Martin Galea President ta' Din l-Art Ħelwa dwar din l-applikazzjoni. Il-Kunsill immexxi minn l-Onor Said ma kienx ta' permess lill AFM sabiex iwaħħlu apparat fuq it-torri.

4. **Bżonnijiet Speċjali.** IIl-Kunsill irringrazzja lill-Onor Chris Said ta' l-għoti ta' €8000 taħt l-iskema ta' bżonnijiet speċjali għat-tindif u sigurta tal-Karnival Spontanju li jsir fuq ħamest ijiem kull sena. L-ispejjes ta' tindif, sigurta u affarijiet oħra li jaqaw taħt ir-responsabilta tal-Kunsill jammonta għal madwar €10,000.

5. **Wine Festival.** Is-Sindku nformat lill-Onor Said li għalkemm il-Kunsill talab għajnuna lill MTA għall-organizzazzjoni tal-Wine Festival dan ma giex aċċettat u l-Kunsill ma ngħata l-ebda għajnuna. Din hija attivita li tattira numru kbir ta' turisti u Maltin lejn il-gżira ta' Għawdex.

6. **Karnival 2010.** Il-Kunsill beħsiebu jorganizza l-attivita' tal-Kunsill nhar il-Ħadd u mhux fost il-ġimgħa. Għadu ma ġiex deċiż liema Ħadd ser issir l-attivita'. Is-Sindku talbet l-għajnuna tas-Segertarju Parlamentari sabiex issir laqgħa mal-Puliżija minħabba l-Karnival spontanju peress li s-sena ta' qabel kien hemm xi inċidenti minħabba n-numru kbir ta' nies.

7. **Kumitat ta' L-Anzjani.** L-Onor. Said ġie informat li ser issir Kumitat ta' l-Anzjani. Inġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li ssir ftehim ma' l-arċipriet dwar il-propjeta li wirtet il-Knisja fi Triq it-Tiġrija. Hemm bżonn li din tibda tintuża għall-anzjani. Dan jista jibda billi jitranġaw xi kmamar eżistenti għad-day centre. L-Onor. Said qal li sabiex titranġa din il-propjeta hemm bżonn li jkun hemm il-Private Public Partnership.

8. **Gemellaġġi.** Is-Sindku nformat lil-Onor. Said li l-Kumitat tal-Banda Mnarja qegħdin jorganizzaw żjara għal Baveno. Dan permess ta' fondi ta' UE taħt "People Meet People".

9. **Ftuħ ta' Uffiċċju nhar ta' Sibt.** Issemma il-ftuħ ta' l-uffiċċju tal-Kunsill nhar ta' Sibt filgħodu. Peress li l-iskrivana tal-Kunsill ma aċċettatx li taħdem dawn is-siegħat il-Kunsill ser joħroġ Call for Application għal din il-pożizzjoni. Dawn għandhom ikollhom kwalifiċi ta' skrivana. Din il-persuna ser tieħu ħsieb ħlasijiet ta' citazzjonijiet; permessi, ilmenti, ħlasijiet ta' liċenzji u affarijiet oħra.

10. **Ħaddiema assenjati mal-Kunsill**. Fil-preżent il-Kunsill għandu diversi ħaddiema assenjati miegħu fosthom mill-IPSL, Dipartiment ta' l-Ilma u ETC.. Meta il-Kunsill ikollu bżonn xi servizz mingħand il-ħaddiema tal-IPSL għandu jagħmel talba diretta lis-Segretarju Parlamentari Chris Said.

**Il-laqgħa ntemmet fin-12:30 p.m.**

**Miriam Portelli, Sindku** **Rita Mifsud Attard, Segretarju E\ekuttiv**